

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1586

tas-26 ta' Settembru 2019

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (⁽¹⁾), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/2063.
- (2) Fis-16 ta' Lulju 2019, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni fisem l-Unjoni li ddikjarat li l-kriżi politika u l-kollass ekonomiku fil-Venezwela kompli jkollhom impatt qawwi fuq il-popolazzjoni kif muri mill-erba' miljun persuna li ħarbu mill-Venezwela u li l-kriżi baqgħet ukoll sors kbir ta' instabbiltà għar-reġjun.
- (3) Id-Dikjarazzjoni ssottolinjat li r-rapport ippubblikat reċentement tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (HCHR tan-NU) ("ir-rapport") ikkonferma b'mod ċar u dettaljat il-grad u s-severità tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-erożjoni tal-istat tad-dritt u ż-żarmar tal-istituzzjonijiet demokratiċi fil-Venezwela. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni semmiet il-mewta traġika tal-Kaptan Acosta Arévalo waqt li kien fil-kustodja tal-forzi tas-sigurtà tal-Venezwela bħala eżempju perfett tad-deterjorazzjoni kontinwa tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.
- (4) L-Unjoni appoġġat bil-qawwa s-sejbiet tar-rapport u appellat lir-reġim għal waqfien immedjat tal-ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u biex jimpenja ruħu f'kooperazzjoni sħiħa mal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Proċeduri Speċjali kollha tan-NU biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport. L-Unjoni indikat ukoll li hija lesta li tibda l-ħidma lejn l-applikazzjoni ta' miżuri mmirati għal dawk il-membri tal-forzi tas-sigurtà involuti fit-tortura u ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem.
- (5) Fid-dawl tas-sitwazzjoni gravi kontinwa fil-Venezwela, kif ġie rrappurtat ukoll mill-HCHR tan-NU, u tar-responsabbiltà għall-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, imwettaq minn partijiet tal-forzi tas-sigurtà u tal-intelligence Venezweljani f'appoġġ għar-reġim, seba' persuni jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 jiġi emendat skont dan,

(¹) ĠUL 295, 14.11.2017, p. 21.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

T. HARAKKA

ANNEX

Il-persuni li ġejjin għandhom jiżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġuni	Data tal-elenkar
"19.	Nestor Blanco Hurtado	Data tat-twelid: 26 ta' Settembru 1982 Numru tal-ID: V-15222057 Sess: raġel	Maġġur fil-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana (GNB), ħadem flimkien ma' uffiċjali fid-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (<i>Dirección General de Contrainteligencia Militar</i> (DGCIM)) tal-inqas minn Diċembru 2017 'l hawn. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, użu eċċessiv tal-forza u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM.	27.9.2019
20.	Rafael Ramon Blanco Marrero	Data tat-twelid: 28 ta' Frar 1968 Numru tal-ID: V-6250588 Sess: raġel	Viċi Direttur tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (<i>Dirección General de Contrainteligencia Militar</i> (DGCIM)) tal-inqas minn Diċembru 2018 'l hawn u Ġeneral ta' Diviżjoni tal-Armata Nazzjonali Venewelana Bolivarjana mill-5 ta' Lulju 2019 'l hawn. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, użu eċċessiv tal-forza u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM li twettqu minn uffiċjali tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Relatat mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019
21.	Carlos Calderon	Sess: raġel	Uffiċjal għoli (imsejjaħ Kummissarju, Direttur u Direttur Ġenerali) fis-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali Bolivarjan (SEBIN). Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, użu eċċessiv tal-forza u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tas-SEBIN. B'mod partikolari, huwa pparteċipa u huwa responsabbli għal atti ta' tortura u trattament krudili, inuman u degradanti ta' detenuti f'El Helicoide, ħabs tas-SEBIN.	27.9.2019
22.	Alexis Enrique Escalona Marrero	Data tat-twelid: 12 ta' Ottubru 1962 Sess: raġel	Kap responsabbli għall-Uffiċċju Nazzjonali Kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Finanzjament ta' Terroristi (ONDOFT). Kmandant Nazzjonali tal-Komando Nazzjonali ta' Kontra l-Estorsjoni u s-Sekwestru (<i>Comando Nacional Antiextorsión y Secuestro</i> (CONAS) bejn l-2014 u l-2017. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, użu eċċessiv tal-forza u maltrattament ta' detenuti minn membri tal-CONAS taħt il-kmand tiegħu. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili minn membri tal-CONAS taħt il-kmand tiegħu.	27.9.2019

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġuni	Data tal-ejenkar
23.	Rafael Antonio Franco Quintero	Data tat-twelid: 14 ta' Ottubru 1973 Numru tal-ID: V-11311672 Sess: raġel	Uffiċjal fis-Servizz tal-Intelligence Nazzjonali Bolivarian (SEBIN). Kap tal-Investigazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (<i>Dirección General de Contrainteligencia Militar</i> (DGCIM)) tal-inqas bejn l-2017 u Diċembru 2018. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, użu eċċessiv tal-forza u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu. Relatat mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019
24.	Alexander Enrique Granko Arteaga	Data tat-twelid: 25 ta' Marzu 1981 Numru tal-ID: V-14970215 Sess: raġel	Kap (Direttur) tad-Diviżjoni tal-Affarijiet Speċjali (DAE) tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (<i>Dirección General de Contrainteligencia Militar</i> (DGCIM)). Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, użu eċċessiv tal-forza li kkaġuna mewt u dannu, u maltrattament ta' detenuti fil-faċilitajiet tad-DGCIM li twettqu minnu stess u minn uffiċjali taħt il-kmand tiegħu. Responsabbli wkoll għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, u kien ukoll involut direttament f'din ir-repressjoni. Relatat mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019
25.	Hannover Esteban Guerrero Mijares	Data tat-twelid: 14 ta' Jannar 1971 Sess: raġel	Kap tal-Investigazzjonijiet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kontrospjunaġġ Militari (<i>Dirección General de Contrainteligencia Militar</i> (DGCIM)) tal-inqas bejn April 2019 u Awwissu 2019. Bħala Kap tal-Investigazzjonijiet huwa ssorvelja l-faċilità tad-DGCIM f'Boleita. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż tortura, użu eċċessiv tal-forza u maltrattament ta' detenuti mwettqa minnu u minn membri taħt il-kmand tiegħu, b'mod partikolari f'Boleita. Relatat mal-mewt tal-Kaptan Acosta.	27.9.2019".